MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2004

Numru 120/2001

PULIZIJA
SPETTUR M'STELLA CUTAJAR
VS
ALFRED ZAHRA
OLIVER DEMICOLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Alfred Zahra, ta' 22 sena, bin Emanuel u l-mejta Jane nee' Caruana, imwieled Pieta', d.t.t. 27.11.77 u joqghod Plot 197, Rizza Str, B'Bugia, bin-numru ta' l-Identita' 579677(M), u Oliver Demicoli, ta' 25 sena, bin Lucio u Judith nee' Nappa, imwieled Pieta', d.t.t 05.02.74 u joqghod 95, St.Michael Str, B'Bugia, bin-numru ta' l-identita' 148774(M) billi huma akkuzati talli fil-lejl ta' bejn il-25 ta Lulju, 1999 u s-26 ta' Lulju, 1999 gewwa B'Bugia bil-hsieb li jikkommettu serq ta' oggetti u flus liema ammont totali ma jeccedix l-elf Lira Maltin (LM 1000) ghad-dannu ta' Nazzju Tonna bhala sid il-fond maghruf

bhala Sea Side Bar li jinsab gewwa Triq il-Buni, B'Bugia wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghhom, liema tentattiv ta' serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u l-ammont;

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-fond maghruf bhala Sea Side Bar and Restaurant ghad-detriment ta' Nazzju Tonna liema hsara ma tammontax ghal aktar minn hamsin Lira Maltin (LM50);

Lil Alfred Zahra wahdu talli sar recidiv a termini ta' l-artikoli 40, 50 u 289 b'sentenzi tal-Qorti diversement preseduti li huma datati;

Kif ukoll lil Oliver Demicoli wahdu talli sar recidiv fil-Qorti diversiment preseduti li huma datati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-
Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni (fol 8-14) jirrizulta illi, tramite telefonata anonima fil-"control room" tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-Pulizija giet informata illi kien hemm xi persuni fuq il-bejt tas-Sea Side Bar and Restaurant Birzebbugia fil-lejl ta bejn 25 u 26 ta' Lulju 1999. Il-Pulizija PC 849 u PC 1091 accedew ghal fuq il-post u PC 849 sab lill-imputat Alfred Zahra fuq il-bejt tar-Restaurant imsemmi. Jirrizulta wkoll li kien hemm persuna ohra ma' Alfred Zahra illi kienet qed tghajjatlu b'isem 'Alfred'.

Illi din it-tieni persuna harbet minn fuq il-post segwita minn PC 1091 Kenneth Camilleri li nforma lill-Ispettur li kien identifika li din it-tieni persuna bhala Oliver Demicoli. Iz-zewg imputati gew arrestati, identifikati minn PC 849, 1091 fl-ghassa, izda l-imputati cahdu l-involviment taghhom fl-incident. Gew ipprezentati l-istqarrijiet ta' l-imputati MC4 u MC5.

Fl-istqarrija tieghu Alfred Zahra cahad kollox waqt li Oliver Demicoli (MS5) ghazel li ma jirrispondix ghal ebda domanda li saritlu. PC 853 Sciberras (fol 21) xehed li huwa flimkien ma' PC1091 u PC849 kien acceda ghal Sea Side Bar and Restaurant fil-lejl in kwistjoni; u kkonferma li kien tela fuq il-bejt PC 1091 li kien sab u gharaf lil Alfred Zahra u Oliver Demicoli izda t-tnejn harbu minn fuq il-post.

PC 853 Sciberras xehed illi kien sab xi "foam" fuq l-"alarm" u sab il-bieb sgassat.

PC 853 xehed rigward Demicoli:
'Iva PC 1091 kien gharaf lil wiehed minnhom lil Demicoli sa lemahlu t-tattoo li ghandu fuq spalltu. PC 853 xehed a fol 24-5 illi huwa ra lil Alfred Zahra jixxabbat mal-bejt u gharfu peress li jiffirma l-ghassa'.

PC Sciberras kompla jixhed li meta staqsa lil PC 1091 jekk kienx zgur li kien Demicoli rrispondih:
'Iva ghax rajtu wicc imb'wicc u anke t-tattoo gharaft' (fol 26).
Nazju Tonna (fol 29), kkonferma, li kien sid ir-Restaurant 'Sea Side' u kkonferma li sab l-alarm mkisser u l-bieb miftuh u kkonferma li kellu xorb alkoholiku b'valur ta' Lm800-Lm1000 u l-flus fit-tlett "amusement machines".

Illi fix-xhieda ta' PC 1091 jirrizulta illi ghalkemm kien qal lill-Ispettur Cutajar li l-persuna l-ohra li ra fuq il-bejt kien Oliver Demicoli, fil-pedana tax-xhieda qal li **haseb** li kien Demicoli mill-fattizzi, mill-istatura u mit-tattoo li pero' ma kienx cert. Lanqas ftakar li l-imputati kienu gew murija lilu fl-ghassa. Isostni li wiccu qatt ma rah fl-incidents (fol 55 ara wkoll 56). Innega li kien f'posizzjoni li jaghraf it-tattoo.

Illi aktar tard PC 1091 jammetti li kien gie riskontrat bl-imputati fl-ghassa (fol 58). PC 853 esebixxa l-lieva u bcejjec ta' foam li sabu fuq il-post.

Spettur David Saliba identifika lill-imputat Zahra ghar-rigward s-sentenza esebita a fol 41.

Gie esebit pre-sentencing report ta' Alfred Zahra.

Ikkunsidrat;
Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni huwa evidenti illi l-Pulizija tad-distrett sabu lil Alfred Zahra in flagrante wara li dan u persuna ohra, x'aktarx Demicoli, sgassaw il-bieb tar-restaurant Sea Side permezz ta' lieva esebita in atti u wara li ksew l-alarm bil-foam specjali. Illi skond sid ir-restaurant jirrizulta li ma nsteraq xejn mill-post izda jirrizulta ampjament, atti ta' bidu ta' esekuzzjoni tad-delitt kif trid il-ligi. Dawn jikkonsistu fl-isgass ta' bieb tal-fond in kwistjoni permezz ta' lieva u ta' kisi b'foam specjali tal-"alarm system". Dan il-"foam" huwa "expanding foam" li jaghqad malajr u ssir iebes gebel.

Illi ghal dak li jirrigwarda Demicoli in vista tax-xhieda ta' PC 1091, xhieda li din il-Qorti thares lejha bi stmerrija, din il-Qorti ma tistax taghmel altru milli ssib lill-imputat Demicoli mhux hati u tilliberah stante dubbju fl-identifikazzjoni ta' l-istess imputat.

Illi ghar-rigward ta' Zahra l-Qorti ssibu hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza, mhux hati tat-tielet akkuza stante illi s-sentenzi esebiti huma sussegwenti ghal data tal-akkuzi.

Ghar-rigward ta' piena, il-Qorti rat u ezaminat il-"pre-sentencing report" ta' "probation officer" Mary Grace Vella.

Ghaldaqstant wara li rat Art 263, 264, 267, 270, 41, 325, 28A, G, kap 9 tikkundanna lill-imputat ghal 14-il xahar habs sospizi ghal tlett snin tqieghdu taht supervision suspended sentence supervision order taht s-sorveljanza ta' probation officer Mary Grace Vella.

Illi ghar-rigward tal-imputat Demicoli il-Qorti ssibu mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------